# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru   45**

**Avviz  numru     699/99/SM**

**Victoria Borg**

**vs**

**John Gerada**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors fuq indikat datat l-14 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex dan jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltija (LM485.00,0) minnhu kkagunati meta hu fil-waqt li kien qed isuq vettura BAH-293 nhar is-17 ta' Gunju 1997 f'Qormi Road, Luqa, baqa' diehel go vettura B-0079 tal-attrici, ghal liema kollizjoni hu unikament responsabbli stante imperizia, negligenza, traskuragni, imprudenza u**

**nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta unika tieghu;**

2. **L-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsulti (LM10.00,0), tal-ittra interpellatorja datata 10 ta' Lulju 1997,tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju 1999, u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici, u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghal-incident mertu ta' din il-kawza kienet tahti unikament l-attrici stess minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan;**

2. **Illi ghalhekk it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fiz-17 ta' Gunju ta' l-1997 ghall-habta ta' l-11.45 ta' filghodu gewwa, Triq Hal-Qormi, Hal-Luqa u fih kienu involuti l-vetturi wahda tal-marka Kia Pride bin-numru ta' registrazzjoni B-0079 misjuqa mill-attrici Victoria Borg, u l-ohra tal-**

**marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni BAH-293 misjuqa mill-konvenut John Gerada;**

2. **Illi jirrizulta li l-attrici kienet qed issuq fid-direzzjoni minn Hal-Qormi ghal Hal-Luqa tiela t-tela' u kienet wasslet biex iddur fid-direzzjoni ta' fejn hemm in-"Nissan Huts";**

3. **Illi minhabba f'hekk l-attrici xeghlet l-"indicator" u bdiet il-manuvra biex iddur u tidhol fit-triq li riedet tmur fiha;**

4. **Illi proprju kif kienet qed taghmel din il-manuvra gie l-konvenut u baqa' diehel fiha b'velocita' kbira tant li dawwar il-vettura ta' l-attrici u hu spicca hafna l-boghod mill-post fejn sar l-impatt originali;**

5. **Illi wara li l-konducenti protagonisti nizzlu mill-vetturi taghhom il-konvenut stieden lill-attrici tiehu r-responsabbilita' ta' l-akkadut u ippropona li jekk jiehu xi haga itiha parti mir-rikovat;**

6. **Illi ovvjament, l-attrici irrifjutat;**

7. **Illi l-hsarat sofferti mill-attrici huma dawk indikati fl-avviz liema ammont qatt ma gie mhallas lilha la mill-konvenut u lanqas mill-assigurazzjoni tieghu li qed tippatrocinah f'din il-procedura;**

8. **Illi l-konvenut, minn naha tieghu jghid li hekk kif kien tiela t-triq in dizamina u qabez il-vettura ta' l-attrici, din tatu daqqa fuq il-genb ta' wara ghaliex riedet iddur go triq sekondarja, u mad-daqqa tajrithu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif evolvew il-fatti jirrizulta li l-konvenut kien gejn minn wara l-attrici u ghalhekk l-ottika tieghu kienet tivvantaggah ferm;**

**Illi ghalhekk il-konvenut kien obbligat jagixxi b'mod prudenti billi ma jsuqx b'velocita' eccessiva u jippermetti vetturi ohra quddiemu jitterminaw b'sikurezza manuvra legittima li kienu bdew;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-versjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut John Gerada responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Victoria Borg fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin, (LM485.00,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut John Gerada biex ihallas lill-attrici Victoria Borg l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti;**

**Illi in oltre ghandu jinghad li l-operat ta' assigurazzjoni serja mhux dak li jiddilunga l-pagament finali a skapitu ta' terz innocenti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**